# ĦAJJET L-ILMIET

Ix-xemx, li hi l-għajn u t-tfigħ tal-ħajja *materjali* ta' kullma jinsab fid-dinja tagħna, taħji u żżomm l-ilmiet kollha fi tqanqil bla ma jeħda. Tassew, l-ilmiet għandhom saltnathom fl-ibħra, fix-xmajjar, fil-għadajjar; iżda mhux inqas hu minnu illi huma jixterdu u jdaħħlu l-iċken nitfiethom (*molecole*) safja u ħarrabija f'kollox u kullimkien, imqar fl-iċken biċċiet tal-*materja*, imqar hemmhekk fejn inti anqas tobsor. Fejn hemm ħajja hemm l-ilma u dan jinsab ukoll fi ħwejjeġ bla ħajja u sa fl-istess inxief.

Ma' tlugħ ix-xemx, f'wiċċ l-ilmiet jiżdied ix-xogħol tal-għaġeb bla ma jidher li ma' tul il-lejl kien tilef il-qawwa tiegħu mħabba n-nuqqas tas-sħana. F'kull-fejn jinsab l-ilma (maħlul) ftit jew wisq, għadd bla qies ta' *partiċelli* jitilqu lil sħabhom tal-baħar, tax-xmara, tan-nixxiegħa, tal-għadira, tat-taqtira, u bl-ikbar ħeffa jirtefgħu fl-ajru. Dawn il-qtajjiet bla għadd u bla tarf ta' *partiċelli* ta' l-ilma jitilgħu il-fuq, jixterdu u jduru jduru fuqhom infushom b'kull għamla u ma' kullimkien, taħt sura ta' fwar li tara minnu bħalma hi l-arja; u l-irjieħ imexxu t-titjir ħawwadi tagħhom, jiftħu l-arterji ta' l-arja, minn qalbhom jersqu f'mewġiet qalila u tal-għaġeb, li billi jintefgħu 'l hawn u 'l hinn jaslu f'naħa kiesħa, jew f'pajjiżi *atmosferiki*, jew fuq il-għoljiet, jew lejn is-silġin f'pajjiżi tal-*poli*; fejn ta' sikwit, billi jgħinu l-ksieħ tal-lejl, jibdew qajl-qajl jâtu lill-gass ta' l-arja dik is-saħħa li qabel ikunu kisbu mis-sħana xemxija; u hekk jarġgħu jingħaqdu fi sħab ħafif, fi *strati* u f'għarmijiet ta' sħab, jew f'ħajbur u f'xita qalila, tal-biża' u qerredija.

Taħseb li dawn il-*partiċelli* ta' l-ilma, ladarba huma kesħin għandhom jerġgħu jingħaqdu ma' xulxin; taħseb li billi fihom titnaqqas dik il-qawwa tas-sħana li mġewnħin armajn tagħmilhom, għandhom mill-ġdid jistabtu ma' xulxin ħalli jerġgħu lejn l-art fl-iżgħar *Antej* ifittxu qawwet saħħithom il-mitlufa.

Iżda xi drabi huma jinsabu fin-*nord* reżħi, jew fuq wiċċ l-iġbla, sewdieni, jew f'pajjiżi il-hewwa (*atmosferico*) maqtugħin u mbeżżgħin mill-kesħa. Hawn jeħda d-degħbien tagħhom, u bħallikieku mheddin mill-mewt, jerġgħu jirtabtu ma' xulxin bis-sħiħ, u jissawru fi *kristalli* l-iktar safjin issa ta' borra, issa ta' silġ ħafif, issa ta' silġ ħerriebi.

U l-art min-naħa l-oħra tilqa' dejjem fi ħdanha l-ilma, il-pellegrin tal-baħar imsoffi mix-xemx u minn l-arja. U

l-art tilqgħu mirżuħ, mifruq f'taqtiriet ta' xita, f'għabra ta' nida, f'nida magħqud, f'borra u f'silġ, u mirżugħ bil-bard tgeddsu fl-egħlieqi tas-silġ, fil-barrieri ta' l-ilmiet maqgħudin, fl-imwieżeb tal-weraq u tar-rdum, fil-vini irqaq ta'l-art, fin-nixxigħat safjin, fl-ibjar, f'xibka moħbija bla qies u bla tarf ta'l-ifnad toroq, f'xibka ta' nixxigħat, ta' widien, ta' xmajjar, ta' għadajjar darb'oħra wkoll jiddu u jleqqu fix-xemx sabiħa, u, jew bil-moħbi jew bid-dieher jarġa' jmur il-baħar, fis-saltna tiegħu.

Iżda ħafna minn dan l-ilma bla sabar, qabel ma jitilqilha lejn l-ibħra żoroq u magħhom jarġa' jitħawwad, iżjed jogħġbu u għalhekk jagħżel li jitlaq mill-ġdid għad-dawrien u titjir, hemm fl-ajru.

F'din id-dawra hekk ma' xulxin marbuta, issa ħiemda u ħafifa, issa degħbinija u qalila, l-ilma jġarraf u jarġa' jibni, joqtol u minn l-imwiet iqajjem.

L-ilma jimxi u jinfed minn ġo l-iġbla u mill-witiet, u minn qalb l-art, u x'sejjer minnhom dejjem igerrem. L-ilma reżħi u magħqud jeħres l-eħrex irdumijiet, u minn l-irqaq vini ta' l-art sa l-ikbar xmajjar jinsab il-ġarr dejjem, bla serħan u setgħi ta' materjal ta' kull ħaġa. L-ilma qiegħed jistagħdar f'witiet ħofrija, l-ilma ġieri jinfirex dejjem u jifhem iwitti l-artijiet. L-iġbla għalhekk x'sejrin dejjem jitbaxxew; il-għadajjar, il-bħajriet, l-ibħra x'sejrin dejjem jintlew; il-widien u x-xmajjar ifuru. L-iġbla u l-għoljiet huma mgerrma fil-ġewwieni tagħhom, f'sisienhom, u x'sejrin dejjem u bla serħan jitfarrku, jitqaċċtu u jinbelgħu fil-belligħat imħaffrin mill-mewġa ħarrikija. U t-trab u r-ramel minn l-ilma miġrurin fil-qiegħ fuq l-art u fil-baħar, iħejjew bla tarf il-*materjali* li bihom it-theżhiżiet jibnu l-kontinenti u l-iġbla ta' li ġej.

U fil-ħin li mħabba dan it-tqanqil, it-tiġrif, it-twaqqigħ, u t-tibligħ tal-kontinenti, qawwet il-baħar, it-tfawwir, il-ħfin u t-tħarbit tiegħu, joqtlu miljuni ta' bhejjem u ta' siġar u xtieli l-mewġa ħiemda u safja, il-fwar ħafif u ħarrabi jaħkmu, idawru u jinfdu kullma jgħix jitkaxkar, jitħarrek, jitqanqal, jimxi, itir jew imut f'saltnet ix-xtieli u l-bhejjem; u b'dan kollu ma tinsab l-ebda ħaġa fid-dinja, li hi ċkejkna kemm hi ċkejkna, imqar li ma tidhirx li m'hix minn l-ilma meħija u mbierka.

M.